Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 73/20**
il-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2020

Sentenza fil-Kawża C-78/18
Il-Kummissjoni vs L-Ungerija

# Ir-restrizzjonijiet imposti mill-Ungerija fuq il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet ċivili minn persuni stabbiliti barra minn dan l-Istat Membru ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni

Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18), mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2020, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja **laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea kontra dan l-Istat Membru**. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, **billi imponiet obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u ta' pubbliċità fuq ċerti kategoriji ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jibbenefikaw direttament jew indirettament minn għajnuna barranija li taqbeż ċertu limitu u billi pprevediet il-possibbiltà li jiġu applikati sanzjonijiet fuq l-organizzazzjonijiet li ma josservawx dawn l-obbligi, l-Ungerija kienet introduċiet restrizzjonijiet diskriminatorji u mhux iġġustifikati kemm fir-rigward tal-organizzazzjonijiet inkwistjoni kif ukoll fir-rigward tal-persuni li jagħtuhom tali għajnuna**. Dawn ir-restrizzjonijiet imorru kontra l-obbligi li l-Istati Membri għandhom skont il-libertà ta' moviment tal-kapital stabbilita fl-Artikolu 63 TFUE, kif ukoll fl-Artikoli 7, 8 u 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li jirrigwardaw id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni.

Fl-2017, l-Ungerija adottat liġi ppreżentata bħala intiża li tiżgura t-trasparenza tal-organizzazzjonijiet ċivili li jirċievu donazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi barranin (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Trasparenza") [1]. Skont din il-liġi, dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jirreġistraw ruħhom quddiem il-qrati Ungeriżi bħala "organizzazzjonijiet li jirċievu għajnuna minn pajjiż barrani" meta l-ammont tad-donazzjonijiet li jkunu rċevew li joriġinaw minn Stati membri oħra jew minn pajjiżi terzi f'sena jaqbeż limitu speċifikat. Meta dawn jirreġistraw ruħhom, dawn għandhom jindikaw ukoll, b'mod partikolari, l-isem tad-donaturi li l-għajnuna tagħhom tilħaq jew taqbeż is-somma ta' HUF 500 000 (madwar EUR 1 400), u l-ammont eżatt tal-għajnuna. Din l-informazzjoni tiġi sussegwentement ippubblikata fuq pjattaforma elettronika pubblika aċċessibbli mingħajr ħlas. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet ċivili kkonċernati għandhom isemmu, fil-paġna prinċipali tagħhom u fil-pubblikazzjonijiet kollha tagħhom, li huma jikkostitwixxu "organizzazzjoni li tirċievi għajnuna minn pajjiż barrani".

Il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Ungerija, peress li qieset li l-imsemmija liġi kienet tikser kemm it-Trattat FUE kif ukoll il-Karta.

Qabel ma eżaminat il-kawża fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja, hija u tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà eċċepita mill-Ungerija, fakkret li l-fatt li l-Kummissjoni tissuġġetta proċedura prekontenzjuża għal termini qosra ma jistax, fih innifsu, iwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors sussegwenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Fil-fatt, ikun hemm tali inammissibbiltà biss fil-każ fejn l-aġir tal-Kummissjoni jkun irrenda iktar diffiċli li l-Istat Membru kkonċernat jirribatti l-

[1] A külföldről támogatott szervezetek átláthatóságáról szóló 2017. évi LXXVI. törvény (il-Liġi Nru LXXVI tal-2017 dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet li Jirċievu Għajnuna minn Pajjiż Barrani).

ilmenti ta' din l-istituzzjoni u jkun kiser, għalhekk, id-drittijiet tad-difiża, li ma ġiex stabbilit f'dan il-każ.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, preliminarjament, li l-Ungerija ma kinitx fondata meta kkritikat lill-Kummissjoni talli ma pproduċietx provi dwar l-effetti prattiċi tal-Liġi dwar it-Trasparenza fuq il-moviment liberu ggarantit fl-Artikolu 63 TFUE. Fil-fatt, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tista' tiġi pprovata, fil-każ fejn dan joriġina mill-adozzjoni ta' liġi jew ta' regolament li l-eżistenza u l-applikazzjoni tagħhom ma jkunux ikkontestati, permezz ta' analiżi ġuridika tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura.

Meta analizzat sussegwentement il-fondatezza tal-ilmenti tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fl-ewwel lok, li **t-tranżazzjonijiet koperti mil-Liġi dwar it-Trasparenza jaqgħu taħt il-kunċett ta' "Movimenti ta' kapital personali"** previst fl-Artikolu 63(1) TFUE u li **l-liġi inkwistjoni tikkostitwixxi miżura restrittiva, ta' natura diskriminatorja**. Fil-fatt, hija tistabbilixxi differenza fit-trattament bejn il-moviment nazzjonali ta' kapital u l-moviment transkonfinali ta' kapital li ma hijiex spjegata minn xi differenza oġġettiva bejn is-sitwazzjonijiet inkwistjoni, u li hija, għaldaqstant, ta' natura li tiddisswadi lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi milli jagħtu għajnuna finanzjarja lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, il-Liġi dwar it-Trasparenza hija applikabbli, b'mod immirat u esklużiv, għall-assoċjazzjonijiet u għall-fondazzjonijiet li jirċievu għajnuna finanzjarja li toriġina minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, li hija tindividwa billi timponi fuqhom li jiddikjaraw ruħhom, li jirreġistraw ruħhom u li jippreżentaw ruħhom sistematikament lill-pubbliku bl-isem ta' "organizzazzjoni li tirċievi għajnuna minn pajjiż barrani", taħt piena ta' sanzjonijiet li jistgħu jmorru sax-xoljiment tagħhom. Barra minn hekk, **il-miżuri li hija tipprovdi huma ta' natura li joħolqu klima ta' sfiduċja fir-rigward ta' dawn l-assoċjazzjonijiet jew dawn il-fondazzjonijiet**. L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni dwar persuni stabbiliti fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi li jagħtu għajnuna finanzjarja lill dawn l-istess assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet huwa, barra minn hekk, ta' natura li jiddisswadihom milli jipprovdu tali għajnuna. B'konsegwenza ta' dan**, l-obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u ta' pubbliċità, kif ukoll is-sanzjonijiet previsti fil-Liġi dwar it-Trasparenza jikkostitwixxu, ikkunsidrati flimkien, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita mill-Artikolu 63 TFUE**.

Fir-rigward tal-eventwali ġustifikazzjoni ta' din ir-reġistrazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-għan li tiżdied it-trasparenza tal-finanzjament assoċjattiv jista' jitqies li huwa raġuni imperattiva ta' interess ġenerali. Fil-fatt, ċerti organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom, fid-dawl tal-għanijiet li huma għandhom u tal-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom, influwenza importanti fuq il-ħajja pubblika u fuq id-dibattitu pubbliku, u dan jiġġustifika li l-finanzjament tagħhom ikun suġġett għal miżuri intiżi li jiżguraw it-trasparenza, b'mod partikolari meta dan ikun joriġina minn pajjiżi terzi li ma jkunux parti mill-Unjoni. Madankollu, f'dan il-każ, **l-Ungerija ma wrietx għaliex l-għan ta' żieda tat-trasparenza tal-finanzjament assoċjattiv li hija invokat jiġġustifika l-miżuri konkretament implimentati mil-Liġi dwar it-Trasparenza. B'mod partikolari, dawn japplikaw mingħajr differenzjazzjoni fir-rigward ta' kull għajnuna finanzjarja li taqbeż ċertu limitu u fir-rigward tal-organizzazzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi, minflok ma jkun hemm iffukar fuq dawk li jistgħu realment ikollhom influwenza importanti fuq il-ħajja pubblika u fuq id-dibattitu pubbliku**.

Fir-rigward tar-raġunijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika msemmija fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali raġunijiet jistgħu jiġu invokati f'qasam partikolari sakemm il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jkunx wettaq armonizzazzjoni sħiħa tal-miżuri intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tiegħu, u li dawn jinkludu b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-ħasil tal-kapital, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Madankollu, dawn ir-raġunijiet ikunu ammissibbli biss meta jkun hemm theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Madankollu, f'dan il-każ, l-Ungerija ma ppreżentat ebda argument li jista' jistabbilixxi, b'mod konkret, tali theddida. Il-Liġi dwar it-Trasparenza hija pjuttost ibbażata fuq preżunzjoni ta' prinċipju u mingħajr differenzjazzjoni li tgħid li kull għajnuna finanzjarja barranija tal-organizzazzjonijiet ċivili hija intrinsikament suspettuża.

Abbażi ta' dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mil-Liġi dwar it-Trasparenza ma kinux iġġustifikati u, għaldaqstant, li l-Ungerija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 63 TFUE**.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Trasparenza kinux konformi mal-Artikoli 7, 8 u 12 tal-Karta, li magħha għandha tkun konformi miżura nazzjonali meta l-Istat Membru li jkun l-awtur ta' din il-miżura jkollu l-intenzjoni li jiġġustifika r-restrizzjoni li hija tinvolvi permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jew permezz ta' raġuni msemmija fit-Trattat TFUE.

F'dak li jirrigwarda, qabel kollox, **id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni**, sanċit fl-Artikolu 12(1) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan huwa wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, sa fejn dan jippermetti li ċ-ċittadini jaġixxu b'mod kollettiv f'oqsma ta' interess komuni u li jikkontribwixxu, billi jagħmlu dan, għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li **l-miżuri previsti mil-Liġi dwar it-Trasparenza jillimitaw dan id-dritt**, sa fejn dawn jirrendu sinjifikattivament iktar diffiċli, f'diversi rigwardi, l-azzjoni u l-funzjonament tal-assoċjazzjonijiet li huma suġġetti għal din il-liġi.

F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, **id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja**, sanċit fl-Artikolu 7 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan jipprekludi lill-awtoritajiet pubbliċi minn kull indħil mhux iġġustifikat fil-ħajja tal-persuni. F'dan il-każ, hija osservat li **l-obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u ta' pubbliċità previsti mil-Liġi dwar it-Trasparenza jillimitaw dan id-dritt**. Fir-rigward **tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali** sanċit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta, li huwa marbut, sa ċertu punt, mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan jipprekludi li informazzjoni dwar persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli tixxandar lil terzi, kemm jekk lil awtoritajiet pubbliċi jew lill-pubbliku inġenerali, sakemm dan ix-xandir ma jseħħx abbażi ta' trattament leali li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8(2) tal-Karta. Apparti dan il-każ, l-imsemmi xandir, li jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali, għandu għalhekk jitqies li jillimita d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta. Madankollu, f'dan il-każ, il-Liġi dwar it-Trasparenza tipprevedi l-iżvelar ta' data personali u **l-Ungerija ma sostnietx li dan jifforma parti minn kuntest ta' pproċessar li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq**.

Meta indirizzat, fl-aħħar nett, il-kwistjoni tal-eventwali ġustifikazzjoni tal-limitazzjonijiet imposti fuq id-drittijiet fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li **d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Trasparenza ma setgħu jiġu ġġustifikati**, hekk kif kien jirriżulta mill-analiżi diġà mwettqa fid-dawl tat-Trattat FUE, **minn ebda wieħed mill-għanijiet ta' interess ġenerali invokati mill-Ungerija**.

---

**TFAKKIRA**: Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ippreżentat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta tagħha, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Qorti talĠustizzja fl-istadju tas-sentenza inizjali.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106*